# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru mija w erbatax (114) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta 5 ta' Frar, 2013, fit-6:40pm fil-Bini Amministrattiv.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Is-sindku ppresjeda l-laqgħa sal-punt fejn ħalla f'idejn id-Deputat Sindku, Charles Farrugia. Il-laqgħa bdiet bis-sindku, d-deputat sindku u l-Kunsillier Nicholas Briffa.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati mill-kunsillieri wara li dawn sarulhom xi korrezzjonijiet żgħar u kienu wkoll iffirmati.

3. Dwar is-sejħa pubblika għall-kostruzzjoni tal-*culvert* fi Triq il-Qattara, is-sindku informa lill-kunsillieri li din reġgħet ħarġet.

4. Dwar il-Katakombi tal-Mentna, is-sindku qal li *Heritage Malta* qed jistennew li tgħaddi x-xitwa qabel ma jagħmlu l-ispejjeż u jnaddfu dan is-sit. Għall-mistoqsija ta' Nicholas Briffa, is-sindku qal illi jidher li dawn ġew jarawh iżda aħna ma konniex nafu li ġejjin. Hawn Nicholas Briffa insista li ningħataw ir-rapport tal-iżbroff tad-drenaġġ, jekk dan jeżisti, filwaqt li s-sindku spjega illi jista jkun li d-drenaġġ għadda mil-fili tal-oqbra l-ġodda u wasal sal-katakombi l-antiki. Hu sostna li meta l-Kuntrattur *Asfalatar Ltd* fetaħ il-*manhole* ta' quddiem il-katakombi kien hemm *blockage* kbir. Dwar il-ftuħ tal-proġett li sar fuq il-Mentna, is-SE qal illi issa twaħħlet id-*dome camera*, il-fallakki tax-xatba li qed tgħatti l-*bring in site*, inxtegħel il-ġnien u jonqos biss il-funtana u l-*wi-fi*. Hawn is-sindku talab lill-kunsillieri jsibu data biex jiġi l-Prim Ministru jiftaħ l-istess ġnien. Għaldaqstant kienet proposta mis-Sindku d-data tal-Ġimgħa l-1 ta' Marzu, 2013 fis-6:30pm. Dan fid-dawl li meta s-sindku tkellem mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar liema data hi l-aktar konvenjenti, huma qalulu li għandna nsibu data konvenjenti aħna, filwaqt li jekk ikun jista' l-istess Onor Prim Ministru, jattendi għal din l-attività dak in-nhar. Is-SE wera l-fehma illi mal-Onor Prim Ministru għandhom ikunu mistednin ukoll l-Onor Pullicino, il-Ministru responsabbli mill-*MRRA* li taħtu taqa' l-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan l-istess ministeru peress li din kienet l-awtorità maniġjabbli minn miżura 313 u wkoll possibilment l-Onor Tonio Fenech peress li l-*VAT* fuq l-istess proġett kienet imħallsa mill-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll dan għamel tajjeb għall-vot ta' ko-finanzjament. Sadanittant, is-sindku qal li bgħatna t-talba biex l-inħawi fejn hemm il-*cul de sac* jingħalaq bil-*bollards*. Noel Galea, dwar il-punt fil-minuti preċedenti fejn xi kunsillieri talbu illi jiġi estiż il-pavimentar tal-proġett, qal illi għal-leġiżlatura li ġejja jidher li hemm fondi oħrajn li l-Aġenzija tal-Pagamenti qed jikkunsidraw li joħorġuhom b'applikazzjoni għal dawk il-kunsilli li diġà bbenefikaw minn dawn il-fondi biex issir estenzjoni għall-proġett.

5. Paul Spiteri daħal għal-laqgħa fis-7:15pm minn dan il-punt 'il quddiem.

6. Issemma wkoll ix-xogħol li sar minn *Transport Malta* fi Triq Valletta, Mqabba. Dan il-*major patching* viċin l-istatwa ta' San Ġużepp, kien jinvolvi kif intqal fil-minuti preċedenti illi jsiru l-*connection* tas-servizzi tal-ilma kif ukoll il-kumnikazzjoni tad-drenaġġ. Kien suġġerit illi tintbgħat nota ta' apprezzament lill-Onor Austin Gatt ta' dawn ix-xogħlijiet. Meta aktar tard daħal Paul Spiteri, fakkar lis-SE fl-ilment li daħal f'dan l-uffiċċju fejn il-vetturi tal-kuntrattur ta'

*Transport Malta*, daħlu f'xi faċċata ta' dar u għamlulha xi ħsara. Hu ssuġġerixxa illi jmorru l-ħaddiema tagħna sabiex jekk m'hemmx affarijiet kbar, ikaħħluhiela u jiżbgħuhielha.

7. Intbagħtet l-ittra ta' apprezzament lis-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjetà Santa Marija peress li ġew l-ewwel fil-kompetizzjoni tal-presepji li nżammet fi tmiem is-sena l-oħra u huma ħadu sehem bi presepju ħaj li kien imtella' f'għalqa fi Triq Ħal Kirkop u kien suċċess.

8. F'punti oħra Nicholas Briffa talab kopja tal-bilanċi attwali tal-bank.

9. Dwar il-problema ta' sfrundar ta' Triq tas-Sejba l-*inginier* kellu jippreżenta rapport lil *TM* dwar x'se jsir bix-xogħol. Noel Galea qal li jista' ma jkunx hemm iċ-ċans li ssir qabel. Hawn Charles Farrugia qal li dan kollu jista' jsir wara l-elezzjoni. Intant Nicholas Briffa saħaq dwar kopja tar-rapport, jekk dan ġie magħmul minn *TM*. Dan sabiex naraw x'se jiġri.

10. Dwar l-iskema tal-enerġija fejn il-KLM ma kienx *awarded*, is-sindku elabora fuq talba tal-Kunsillier Nicholas Briffa u qal li kien hemm proposta minn naħa tagħna marbuta mal-qasam ambjentali. Intant il-KLM mhux se jkun possibbli issa li jagħti *energy saving bulbs* lil kull familja u anke wkoll lis-soċjetajiet tar-raħal kif kien propost fl-applikazzjoni.

11. L-istess ġara fil-proposta tal-*outdoor gym* għall-iskema tal-attivitajiet sportivi. Hawn ir-rappreżentanta tal-Kunsill Malti għall-Isports Malta, ċemplet lis-SE u qaltlu li mhux qed jagħtu fondi biex ikunu investiti f'assi kapitali. Minflok, kien propost sabiex il-KLM jibbenefika minn attività li tista' tkun organizzata u li biha r-residenti jistgħu jibbenefikaw minn dixxiplina sportiva u wkoll minn eżerċizzju. L-ammont hu ta' €300 għall-attivita *Multi Purpose Sports.*

12. Biex l-avviż tal-fuljett li fih se tidher l-istedina li se jagħmel il-KLM lir-residenti sabiex jattendu għall-ftuħ taċ-ċentru tal-viżitaturi jasal fil-ħin, u sabiex il-*Maltapost* ikollhom ċans biżżejjed iqassmu l-fuljett tagħna ma' ħafna materjal ieħor marbut mal-kampanja elettorali, is-sindku talab lill-kunsillieri sabiex jibagħtu l-messaġġ tagħhom li se jkun integrat fl-istess fuljett sa tmiem il-ġimgħa li ġejja.

13. Noel Galea ħareġ mil-laqgħa f'dan il-punt, fis-7:20pm u daħlet Grace Maria Mallia.

**Aġenda:**

14. Dwar il-laqgħa pubblika is-SE, li kien diġà għadda kopja tal-minuti ta' din il-laqgħa lill-kunsillieri, kien mitlub jiskuża fl-istess minuti l-assenza tas-sindku u ta' Grace Maria Mallia li ma setgħux jattendu, qabel ma dawn isiru pubbliċi. Għal din il-laqgħa li nżammet nhar il-25 ta' Jannar 2013, attendew biss tliet persuni li kienu konċernati biss dwar il-problema tagħhom – l-ilma tax-xita li jgħaddi minn Triq San Mikiel. Għaldaqstant id-deputat sindku li mexxa l-laqgħa kkonċentra fuq din il-problema li ħadet l-andament tal-laqgħa kollha. Matul il-laqgħa issemma l-fatt li jikkonċerna wkoll l-aċċess ridott tal-*pedestrian zone* bil-barikata tinfetaħ u tingħalaq speċifikament minn persuna waħda li għandu l-aċċess tal-imfietaħ minħabba li qed jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni. Kien ikkunsidrat illi jekk se nagħtu aċċess lis-Sur Karmenu Attard, irridu nagħtu aċċess lil kulħadd għax inkunu qed niddiskriminaw. Intant Charles Farrugia ma qabilx ma' dan għaliex mhux veru li nkunu qed niddiskriminaw jekk jingħata l-aċċess tal-barikata lis-Sur Karmnu Attard biss. Dan għaliex hu persuna bi bżonnijiet speċjali minħabba li għandu l-*blue sticker* u għalhekk se jkun jista' jidħol u joħroġ bil-vettura tiegħu minħabba raġunijiet speċifiċi – biex ma jqandilx.

15. Kienu kkunsidrati l-Estimi Finanzjarji 2013. Fuq suġġeriment li sar, is-SE kien mitlub itella' kopja oħra tagħhom fejn se jinqala' l-ammont ta' €27,425 mill-vot kapitali 7500 u dawn se jiżdiedu fil-vot 2200 tal-manutenzjoni rikurrenti tat-toroq (li jinkludi mhux biss it-tiswija iżda wkoll it-tabelli u l-marki (żebgħa) tat-traffiku). Anzi, iridu jinstabu minn voti oħra il-madwar €80,000 li alloka l-gvern ċentrali biex fl-Imqabba ikunu *ring fenced* għat-toroq. Is-SE se

jagħmel dan kmieni qabel il-laqgħa tal-KLM li jmiss ħalli l-kunsillieri jkollhom iċ-ċans jiflu sewwa d-*draft* il-ġdida tal-Estimi Finanzjarji 2013.

16. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 456.

17. F'punti oħra s-SE kien awtorizzat illi jordna *street name* ġdida ta' sqaq (li rridu nistabbilixxu x'numru għandu) fi Triq Valletta, għaliex dan inkiser waqt ix-xogħol li sar mill-gvern ċentrali biex ta t-tarmak fil-parti l-wiesgħa ta' din it-triq.

18. Paul Spiteri talab lis-SE sabiex jirrapporta lampa tat-toroq maqtugħa quddiem *'Sarah Farm'*, Triq Ħal Kirkop, bejn iċ-ċimiterju u r-residenza ta' Kola Mallia.

19. Paul Spiteri tkellem dwar id-*dumping* tar-*refuse* fl-*open spaces* fi Triq Mons Alfons Caruana. Hu talab lis-SE sabiex jekk nibqgħu ma nsibux is-sidien tal-*plots* issir stima u din titla' għall-approvazzjoni biex isir *fencing* bin-*net* bħalma sar f'postijiet oħra fl-Imqabba biex żgur ma jibqax jintefa' skart tal-kostruzzjoni u dak goff.

20. Nicholas Briffa reġa' talab sabiex tinqala' t-tabella li twaħħlet mill-ħaddiema tal-KLM xhur ilu f'*roundabout* li turi *stop sign* fi Triq Ħal Farruġ kantuniera ma' Triq tas-Sejba. Hu saħaq li din trid teħel mal-ħajt tal-barriera tat-*tarmac plant.*

21. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba approva l-*Financial Statements 2012.*

22. Il-laqgħa ntemmet fit-8:20pm u l-KLM se jiltaqa' ħmistax oħra fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*21/2/2013 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |